**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha 30 ta' Marzu 2022**

Numru 3

**Rikors Nru. 79/2020**

**SPI China (HK) Limited u SPI Energy Co. Ltd**

**vs**

**SinSin Europe Solar Asset Limited Partnership u SinSin Solar Capital Limited Partnership**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni maghmul mis-socjetajiet attrici wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-12 ta' Novembru 2021 li iddikjarat l-appell tas-socjetajiet attrici bhala irritu u null;

Rat ir-risposta tal-socjetajiet konvenuti li sostnew li ma kienx hemm raguni valida ghar-ritrattazzjoni u r-rikors ta' ritrattazzjoni kellu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fuqha huwa impernjat l-ilment tar-ritrattand li tghid hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi qabel xejn sabiex tikkonsidra l-kwistjoni tal-ammissibilità o meno tal-appell odjern, sollevata fis-sottomissjonijiet preliminari tal-appellati, illi jekk jinstabu li huma validi ghandhom igibu fix-xejn l-imsemmi appell. Il-Qorti tibda billi tikkonsidra dak li gie patwit bejn il-partijiet [Hawn il-Qorti qeghda tiehu in konsiderazzjoni li s-socjetà appellanta SPI Energy Co. Ltd hija s-successur ta' Solar Power Inc., li dehret fuq ix-Share Sale & Purchase Agreement], u hawn taghmel riferiment ghall-klawsola 16.2 tax-Share Sale & Purchase Agreement li gie esebit mill-appellanti bhala Dok. NVF1.

Ghandu jinghad qabel xejn li l-klawsola 16.1 titlob li l-ftehim ghandu jigi regolat u nterpretat skont il-ligi Maltija. Il-klawsola sussegwenti 16.2 torbot lillpartijiet sabiex jipprezentaw kull vertenza li tista' tinqala' bejniethom firrigward tal-istess ftehim ghall-proceduri ta' arbitragg hawn Malta sabiex din tigi deciza permezz ta' tliet arbitri, u dan filwaqt li l-istess klawsola tipprovdi wkoll kif ghandhom jigu maghzula l-imsemmija arbitri.

Permezz tal-istess klawsola 16.2, il-partijiet ftehmu li "[t]he award of the arbitrators shall be final and binding upon the Parties". Jirrizulta minn dak li tipprovdi ghalih din il-klawsola, li d-dritt tal-appell gie espressament eskluz mill-partijiet b'mod car u inekwivoku, tant u hekk li m'hemm l-ebda dubju dwar dik li kienet l-intenzjoni taghhom. Ghalhekk il-Qorti tikkunsidra li kienu l-partijiet stess li rrinunzjaw ghad-dritt taghhom ta' appell minn kull lodo arbitrali li seta' jinghata mit-Tribunal f'kaz fejn jinqala' xi dizgwid bejniethom, u ghalhekk ittentattiv tal-appellanti mill-ewwel kien ser ifalli bic-cert, tant li ma tista' bl-ebda mod tifhem kif l-appellanti setghu jikkonsidraw li din il-Qorti kellha xi setgha li tisma' u tiddeciedi l-appell taghhom. Tqis li skont il-ligi Maltija, li l-partijiet xtaqu li ghandha tirregola l-ftehim ta' bejniethom, u senjatament l-artikolu 992 tal-Kodici Civili, tipprovdi li kuntratt ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet u li huma biss l-istess partijiet li jistghu ihassruh. Ghaldaqstant sakemm il-ftehim ta' bejn il-partijiet huwa dak li hu, din il-Qorti ma tistax tilqa' quddiemha appell minn xi parti.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell bhala irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.
L-ispejjez ta' l-imsemmi lodo arbitrali jibqghu kif decizi mit-Tribunal, filwaqt li dawk tal-appell odjern ghandhom jithallsu mill-appellanti.

## Ikkunsidrat

L-aggravju tar-ritrattandi huwa s-segwenti:

1. Li saret applikazzjoni hazina tal-ligi ai termini tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 811(e) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi:

> Thassir ta' sentenza ghal din ir-raguni jinghata biss meta l-qorti tapplika ligi hazina flok dik illi kienet tassew applikabbli ghall-kaz. Ma jinghatax meta l-kwistjoni tkun 'dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni' (**Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd**, App 19/05/2011)
>
> L-interpretazzjoni tal-ligi ma tistax taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sabiex ikun hemm jedd ghal ritrattazzjoni taht din id-disposizzjoni, il-qorti trid tkun applikat disposizzjoni ta' ligi flok ohra (ara sentenza ta' din il-qorti

**Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Limited et,** App 09/05/2017).

Ir-ritrattandi jispjegaw l-ilment taghhom hekk. Jissottomettu illi l-klawsola 16.2 tal-ftehim ta' arbitragg tas-6 ta' Settembru 2014 kienet tghid li kull kwistjoni li tista' tqum relatata mal-ftehim milhuq kellu jkun soggett ghal arbitragg f'Malta. Ghalkemm dan hu arbitragg internazzjonali fl-istess klawsola l-partijiet ghazlu li l-arbitragg ikun regolat a bazi tad-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar l-Arbitragg. Dan jirreferi ghar-regoli adoperati ghal arbitragg domestiku. Ghalhekk kellhom japplikaw l-artikolu 69A(2)(b) fejn jistghu jinbdew proceduri kontra decizjoni arbitrali moghtija taht it-Taqsima IV quddiem il-Qorti tal-Appell fuq punt ta' ligi skont l-artikolu 70A. L-artikolu 70A(1) jiddisponi illi dan id-dritt ma japplikax jekk il-partijiet eskludew espressament dan id-dritt tal-appell fil-ftehim tal-arbitragg jew mod iehor bil-miktub. Dan id-dritt ma giex eskluz. Ir-ritrattand isostnu illi l-Qorti tal-Appell applikat l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li tipprovdi li ftehim bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta' ligi u applikat il-kliem uzat fil-klawsola 16.2 'final and binding' ghal lodo tal-arbitragg bhala eskluzjoni tad-dritt ta' appell u applikat ghal kaz l-artikolu 992 tal-Kap. 16 flok l-artikolu 69A(2)(b) u 70A(1) tal-ligi specjali cioe l-Att dwar l-Arbitragg Kap. 387. B'konsegwenza ta' dan il-Qorti ghamlet zball ta' ligi li wassal ghal decizjoni erronja.

Ir-ritrattati jsostnu invece illi ma kien hemm ebda applikazzjoni hazina tal-ligi billi l-artikolu 69A(3) tal-Att dwar l-Arbitragg jipprovdi li appell fuq punt ta' ligi kontra decizjoni arbitrali moghtija skont it-Taqsima V (cioe arbitragg internazzjonali) hu disponibbli biss jekk il-partjiet ftehmu espressament li dan id-dritt kien disponibbli b'zieda mad-drittijiet procedurali ohra stabbiliti fl-artikolu 34 tal-ligi Mudell. Meta jkun sar dan il-ftehim espress ighoddu l-artikoli 62(5), 70A u 70B. Ghalhekk ir-ritrattati jsostnu li la darba dan id-dritt ma giex espress fil-ftehim ta' arbitragg il-Qorti applikat sew il-ligi tal-arbitragg b'konformita mal-ligi generali li tirregola l-kuntratti. Il-kliem 'final and binding' gew moghtija t-tifsira gusta mill-Qorti tal-Appell.

Applikati l-principji imsemmija minn din il-Qorti rigward ritrattazzjoni fuq punt ta' ligi, ir-ritrattazzjoni maghmula tfalli. Il-Qorti tal-Appell ma applikatx ligi flok ohra.

Fl-ewwel lok il-Qorti ghamlet riferenza ghal klawsola arbitrali 16.2 li issemmi li l-lodo kellu jkun ’final and binding’ bejn il-partijiet. Id-difensuri tal-partijiet issottomettew *in extenso* l-portata ta’ dawn il-kliem b’riferenza ghall-Att dwar l-Arbitragg. Ghalkemm il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma semmietx espressament l-artikolu 69A(2) u 70A tal-Kap. 387 pero hu car li l-Qorti kienet qed tirreferi ghad-dicitura uzata fl-artikolu 70A tal-Kap. 387 meta interpretat u mhux applikat il-kliem ’final and binding’ ma’ dak li jistipula l-artikolu 70A cioe li d-dritt ta’ appell jissusisti fuq punt ta’ ligi sakemm il-partijiet <u>ma eskludewx espressament</u> (sottolinear tal-Qorti) dan id-dritt. Hi l-fehma tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza li qed tigi ritrattata li l-kliem ’final and binding’ kien eskluzzjoni espressa ta’ appell minn lodo aribtrali bejn il-partijiet. Din il-Qorti ma tissindikax interpretazzjoni ta’ ligi f’ritrattazzjoni fuq zball ta’ ligi ghax is-setgha ta’ din il-Qorti hi fuq applikazzjoni hazina ta’ ligi flok ohra. Di piu s-sistema taghna ma ghandhiex il-principji tal-precedent fil-gurisprudenza ghalkemm ikun ta’ fejda ghac-certezza tad-dritt li jkun hemm konsistenza u uniformita fid-decizjonijiet tal-Qrati. Il-fehma ta’ din il-Qorti fuq il-kwistjoni imqajma hi irrelevanti ghal fini tar-ritrattazzjoni bil-konsiderazzjonijiet li l-istess istitut jimponi.

Il-Qorti ma tistax pero ma tghidx li ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-appellat li s-sentenza ritrattata applikat tajjeb il-Kap. 387 permezz tal-artikolu 69A(3) tal-Kap. 387. Dan is-subinciz jirreferi ghad-decizjoni arbitrali moghti skont it-Taqsima V (arbitragg internazzjonali) pero l-ftehim tal-arbitragg jghid espressament li l-arbitragg ghandu jkun regolat skont l-artikoli rilevanti ghal arbitragg domestiku, u kwindi japplika l-artikolu 69A(2). Dan maghdud ma jbiddel xejn minn dak konsidrat qabel f’din is-sentenza.

Fl-ahhar jinghad illi r-ritrattandi wkoll ma ghandhomx ragun li jqisu li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ritrattata me kellhiex tapplika l-artikolu 992 tal-Kap. 16. Il-Qorti tal-Appell interpretat il-kliem ’final and binding’ b’mod konformi mal-ligi Maltija dwar il-kuntratti u s-sahha taghhom bejn il-partijiet. Hawn ukoll ma saret ebda applikazzjoni hazina tal-ligi izda biss interpretazzjoni tal-ligi domestika tal-kuntratti ghal dak li kien jipprovdi l-ftehim ta’ arbitragg u kif applikabbli fl-isfond tal-Kap.387 u b’mod aktar generiku mal-ligi generali lokali.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rittrattandi biex tithassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-12 ta' Novembru 2021, bl-ispejjez ghar-ritrattandi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur